MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 916/2002

**Joseph Bugeja.**

**vs.**

**Louise Bugeja.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Awissu 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Bugeja zzewgu fid-29 t' Ottubru 1994, kif jirrizulta certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi minn dan iz-zwieg twieldu itfal Whitney ta' tlett snin u Demaris ta' sena u sitt xhur;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, ingurji gravi u theddid u eccessi, kommessi kontrih da parti tal-konvenuta, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru u minhabba li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Illi peress illi l-attur giet awtorizzat jipprocedi bis-separazzjoni skond digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, li qed jigi esebit bhala Dok. "B";

Illi l-istess l-attur talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Bugeja, minhabba adulterju, sevizzi, minacci, ingurji gravi u eccessi li l-konvenuta kkomettiet kontrih u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment u/jew minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

2. L-attur jigi fdat bil-kura u kustodja ta' uliedhom minuri Whitney u Demaris, salv l-access favur il-konvenuta li ghandu jigi stabbilit f'dawk il-modalitajiet li huma fl-ahjar interessi tal-minuri;

3. M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmija konvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili** *in toto* jew in parti;

4. M'ghandhiex tigi ddikjarata xolta il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attur u l-ohra lil istess kommunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. M'ghandux l-attur jigi awtorizzat jkompli jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenuta;

Bl-ispejjez u l-konvenuta ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal datat 10 ta' Dicembru 2002 fejn inghata digriet affidavit attrici b'terminu ta' 30 jum u l-kawza giet differita ghan-notifika tac-citazzjoni attrici u l-affidavits attrici.

Rat in-nota tal-attur datata 11 ta' Dicembru 2002 li permezz taghha esibixxa l-affidavit tieghu u dak ta' ommu Carmen Bugeja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar, 2003 fejn gie nominat Dr. Kenneth Gulia sabiex jiffissa tlett seduti ghall-provi kollha tal-konvenuta.

Rat s-seduta quddiem l-Assistent Gudizjarju Dr. Kenneth Gulia fejn l-attur attira l-attenzjoni ghall-fatt li l-konvenuta hija kontumaci kif jidher minn *tergo* ta' fol. 59 tal-process.

Rat li l-konvenuta ghalkemm debitament notifikat fid-9 ta' Jannar 2003 ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' April 2003 u tas-7 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet differita' ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Joseph Bugeja datata 9 ta' Mejju 2003.

Rat ir-rikors ta' Louise Bugeja datat 25 ta' Settembru 2003 fejn Louise Bugeja talbet bir-rispett titlob illi din l-Onorabbli Qorti taghtiha access adegwat halli tkun tista' tara lit-tfal taghha regolarment u *di piu* l-esponenti titlob illi l-kura tal-missier tkun mhux fil-prezenza ta' terzi persuni.

Rat id-digriet tat-18 ta' Settembru 2003 fejn il-Qorti tinnota li l-kawza hija kontestata pero' xorta wahda tordna n-notifika lill-kontroparti b' jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Joseph Bugeja ghar-rikors ta' Louise Bugeja datat 16 ta' Settembru 2003. Tali risposta hija datata 7 ta' Ottubru 2003.

Rat id-digriet datat 8 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti tordna li b'effett immedjat l-istess konvenuta jkollha access ghall-minuri taht supervizjoni ta' darbtejn fil-gimgha fl-Agenzija Appogg f'hinijiet u granet li jigu ffissati mis-*social worker* b'nota tinforma lill-Qorti dwar l-istess.

Rat in-nota tal-attur tat-8 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha Joseph Bugeja esibixxa zewg dokumenti li huma mmarkati bhala Dok."A" u Dok."B".

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### I) <u>PROVI PRODOTTI</u>

Illi fl-affidavit tieghu a fol. 21, 22, 23, 24, 25, 26 u 27 tal-process u datat 11 ta' Dicembru 2002 **l-attur** xehed li:-

*"Illi jiena u Louise zzewwigna fid-29 ta' Ottubru, 1994. Meta zzewwigna jiena kelli 18-il sena u hi kellha 21 sena. Ahna konna ltqajna t-Tattingers Disco, ir-Rabat u bdejna nohorgu flimkien. Louise kienet ghadha kemm temmet relazzjoni wara erba' snin ma' Ingliz. Minn hawn ahna bdejna nohorgu regolarment;*

*Illi, wara ftit li kollna ilna nohorgu flimkien, Louise kienet ta' sikwit tghidli li kienet imdejjqa d-dar ghaliex kienu jsawtuha l-genituri taghha kif ukoll hutha. Kienet tghidli ukoll li kienu jehodulha l-paga kollha. Jiena ghal bidu kont nghidilha sabiex tiehu naqra pacenzja ghaliex kulhadd ikollu l-problemi tieghu mal-famila. Pero' l-istorja baqqghet sejra hekk kull gimgha. Wara mbaghad tlett gimghat li*

*kollna ilna nohorgu flimkien, Louise bdiet tinsisti mieghi sabiex tigi tghix ghandi ghaliex kienet mdejjqa sew id-dar;*

*Illi, li jiena ma tantx kont tal-ideja li tigi tghix maghna ghaliex konna ilna nohorgu flimkien ghal perjodu qasir wisq. Li naf kien li Louise kienet kontinwament tgerger li kollha problemi serji mal-familja taghha u jiena kont bdejt sa' fl-ahhar nemminha u kkonvincietni sabiex nizzewweg. Nghid li l-Kappillan tal-Parocca ta' Louise ta' San Gwann, ma kienx tal-parir li ahna nizzewwgu peress illi jiena kont nidher li aktar qed nithassarha milli nhobbha. Pero' bqajt b'din l-intenzjoni u wasalt sabiex izzewwigt li Louise;*

*Illi, post taghna ma kellniex u ghal bidu iddecidejna li mmorru noqoghdu ma' ommi u domna hemm ghal tmien xhur shah. F'dan il-perjodu il-mara tieghi damet tahdem ghal hames xhur biss wara z-zwieg u kienet tahdem go fabbrika tan-nuccalijiet. Kienet taqla' paga minima. Jiena kont nahdem ma' J.N.M Micallef Co.Ltd full time bhala salesman. Jiena dak iz-zmien ukoll kelli paga minima u cioe' xi Lm48 fil-gimgha u dawn kont naqbaddhom f'idejja;*

*Imbaghad l-employer tal-mara kien waqatha milli tahdem u minn dakinhar ma hadmitx izjed;*

*Illi wara z-zwieg bdew izjed problemi. Louise bdiet tiehu atteggjament stramb mal-familja tieghi specjalment ma' missieri. Kienet kontinwament timxi u ddur fid-dar t'ommi bil-qalziet ta' taht biss. Kienet gieli ukoll tidhol fil-kamra tal-banju meta kien ikun hemm missieri. Ghalhekk minhabba f'dan l-atteggjament kien qed jinqala' hafna nkwiet bejn il-genituri tieghi u hassejt li kien wasal iz-zmien li nsibu post ghar-rasna;*

*Illi, imbaghad jiena krejt post il-Mosta u morna noqoghdu hemmhekk. Kelli nhallas Lm50 kera fix-xahar. Il-mara tieghi ma kinitx tahdem, pero' lanqas ma kienet taghmel faccendi fid-dar. Bil-kemm kont insib ikel meta kont nigi lura mix-xoghol. Qatt ma kienet tghaddili l-hwejjeg. Lanqas biss kienet turi interess fil-problemi finanzjarji li kellna. Jiena kont nahdem il-Coastline dak iz-zmien bhala houseman u kienet problerna ghaliha biex nghixu u*

*nhallsu il-kera. Ghalhekk konna hadna decizjoni li ghal perjodu ta' madwar erba' snin ma kellniex ikollna t-tfal;*

*Illi, pero' Louise donna tiffissa ghaliex bdiet tohrog barra bil-qieghda fuq it-targa tad-dar tilghab bil-pupi. Kont nigi lura mix-xoghol u kont nsibha tpingi fuq colouring books tat-tfal. Mill-banda l-ohra ma kienx ikollna relazzjonijiet sesswali regolari, anzi pjuttost kienu rari hafna u meta kont nipprova navvicina lil Louise minflok kienet tirrifjuta li jkollna relazzjoni. Jiena kont inkwietat b'din il-kwistjoni u hassejt li forsi kien ikun ahjar li kieku nkellmu psikjatra. Ippruvajt nsaqsi lill-genituri ta' Louise biex nara kinux isibu problema minhabba li jiena kont inkwietat u huma kienu rrabbjaw hafna donnhom kienu riedu jahbu xi verita';*

*Illi, eventwalemnet ahna hadna post ta-Gvern u bdejt nirrangah. Ghal darb'ohra marti lanqas kienet turi interess. Jiena kelli nippjana kollox ghaliex kieku ma sar xejn. Kien hawn li Louise harget tqila bl-ewwel tarbija taghna Whitney. Malli twieldet din li tarbija taghna, Louise bdiet tirrifjuta li tiehu hsiebha. Ma ridititx tahsilha jew toqghod maghha. Fil-fatt kelli ngib il-gara taghna Rita sabiex taghmel kollox hi;*

*Illi, imbaghad malli ghadda ftit taz-zmien. Louise bdiet iccempel lil ommi sabiex tiehu hsieb it-titla taghna. Ommi kienet ma sibx problema, izda gara li bdiet thalli lit-tifla hemm ghal gimgha shiha. Jiena kont nipprova nkellimha li t-tifla ghandha tkun maghna ghaliex hija bintna. Hi kienet minflok tirrispondi li t-tifla kienet toqoghod izjed ghand ommi milli maghha u ghalija kien ahjar. Minflok marti kienet toqghod idur il-Monti u tohrog mal-hbieb. Bdiet anqas ma taghmel faccendi u anqas issajjarli. Kont nigi lura mix-xoghol u ma nsibx lit-tifla Whitney hemmhekk ghaliex kienet tkun ghand ommi.* ***Jiena sadanittant ghajjien jew minix kelli noqghod nsajjar xi haga ghalija;***

*Illi jiena fl-ahhar ghidtilha li ma jistax ikun it-tifla titrabba minghajr genituni u insistejt li ngibha d-dar u nrabbuha ahna;*

*Illi, xi sena wara li twieldet l-ewwel tarbija, il-mara regghet harget tqila bit-tieni tarbija Demaris. Nghid li tul it-tqala, Louise bdiet tishet il-mument li kien ser jerga' jkollna tarbija u bdiet taghmel minn kollox sabiex tkorrih. Kienet tixrob xorb alkoholiku u kienet ukoll tibla il-pilloli;*

*Illi malli twieldet it-tieni tarbija xorta kienet baqqghet bl-istess sistema, tohrog, Whitney kienet dejjem ghand ommi u hi kienet tkun barra. Il-problema l-aktar serja kienet li issa bdiet ukoll tohrog u thalli lit-tfal wahedhom, meta Whitney kienet tinserta maghha. Ghalhekk Demaris kienet tithalla wahdedha d-dar. Jiena sirt naf b'dan il-fatt ghaliex darba minnhom qaltli li kienet ippanikjat ghaliex kienet harget u halliet lit-tfal wahedhom u meta giet lura d-dar kienet sabet lil Demaris prattikament maghlqa;*

*Illi, sirt naf ukoll li kienet qed taghmel hekk ghaliex kienet gibditli l-attenzjoni gara taghna li jisimha Rita Casha li Louise kicnet tqatta' granet ghandha u ghakemm kienet ppruvat tkellimha kemm il-darba biex ma thallix it-tfal wahdehdom, kienet tinjoraha u prattikament jekk ma kinitx ghandha kienet tkun qed tiggerra 'l hawn u 'l hemm;*

*Illi, jiena rrabjat meta sirt naf b'dawn il-fatti u kont anki kelhimt lill-familjari taghna, ghaliex f'dak il-perjodu in-relazzjonijiet taghna kienu ahjar. Ommha kienet qaltilha sabiex ma taghmilx hekk ghaliex it-tfal kienu ghadhom zghar. Kienet tohrog ddur mal-Monti jew ghand Rita Casha;*

*Illi, kienet ukull mhux l-ewwel darba li qaltli li jekk isib il-bejgh tat-tfal kienet tbieghhom;*

*Illi, relazzjonijiet sesswali bejnietna komplew hzienu ukoll. Meta twieldet t-tieni tarbija gie joqghod fil-blokk taghna certu Karmenu Torsi ta' 61 sena. Wara ftit il-mara saret habiba sew ta' dan Torsi u ghal bidu kienet tghidli li kien gie ighinha tank tal-ilma, bl-ariel u kuljum kien jigi sabiex ighinha fid-dar;*

*Illi, jien bdejt ninduna li kien hemm xi haga stramba bejn il-mara u dan Karmenu. Il-mara bdiet tirrifjuta li jkollha*

*x'taqsam mieghi. Kienet bdiet tixtri underwear sexy. Imbaghad iiena sa' fl-ahhar kont saqsejtha jekk kienx hemm xi problemi u hi qaltli li ma kinitx mibguda lejja aktar. Li dan iz-zwieg kien zball ghaliex hi ma kinitx tajba ghaz-zwieg;*

*Illi, jiena ddejjaqt b'din is-sitwazzjoni u ppruvajt l-ewwel nehodha ghand tabib, izda s-sitwazzjoni baqghet l-istess. lmbaghad jiena fl-ahhar iddecidejt li naffronta l-problema u staqsejt lill-mara jekk kellhiex relazzjoni ma' Karmenu u ammettiet dan il-fatt mieghi. lmbaghad jiena kont affrontajt ukoll lil Karmenu li kkonferma dak li qaltli marti. Marti qaltli li riedet titlaqni u tmur tghix ma' Karmenu. Jiena kont cempilt lill-missierha u ghidthu li Louise riedet titlaqni biex tmur ma' dan Karmenu;*

*Illi, ghamilna zmien bil-problemi u konna bdejna l-proceduri ta' separazzjoni. Imbaghad missieri kien ipprova jsalva z-zwieg taghna u ergajna lura flimkien ghal ftit zmien izda ma domniex ghaliex ftit wara Louise bdiet relazzjoni ma' Gharbi u ghal darb'ohra ammettietu hi stess. Meta gara dan lanqas kienu ghaddew sitt xhur li marret ma' dan l-Gharbi;*

*Illi, meta jiena ftaht l-proceduri tas-separazzjoni l-ewwel darba u deherna quddiem is-Sekond'Awla kien sar ftehim verbali fejn jiena kelli niehu t-tfal il-Gimgha sal-Hadd nirnitornhom it-Tnejn filghodu. Louise mbaghad kellha tiehu t-tfal mit-Tnejn fil-ghaxija sal-Hamis filghaxija. Ghalhekk kien hemm ftehim li kellna kura u kustodja konguntiva. Pero' wara gurnata irrangajna";*

*Illi, meta marret mal-Gharbi rega' sfaxxa kollox u din id-darba kont deciz li niftah il-proceduri ta' separazzjoni. Din id-darba l-Qorti ordnat li ninghata l-kura u kustodja tat-tfal u Louise kellha d-dritt li tarahom kull nhar ta' Gimgha, Sibt u Hadd bejn l-10.00 am u s-7.OO pm. Qed nesebixxi kopja tad-digriet tas-Sekond'Awla tat-18 ta' Ottubru 2001— Dok "D". Dan id-digriet imbaghad gie mibdul in parti b'digriet iehor tas-Sekond'Awla li jgib d-data 17 ta' Jannar, 2002. Il-Qorti kienet insistiet maghha li meta t-tfal*

*ikunu maghha ma setax ikun hemm presenza tar-ragel iehor;*

*Illi, jiena ma gejtx ordnat li naghtiha manteniment;*

*Illi, dwar id-digriet li nghata fuq id-dritttijiet ta' access ta' Louise nghid li segwtetu darbtejn u cioe' l-Gimgha u s-Sibt. Is-Sibt filghaxija Louise qaltli li t-tfal ma kellhiex ingihhomlha izjed ghax ir-relief li kienet qed tircievi, nofsu kienet qed taghtih lil Gharbi u dan sabiex jixtri is-sigaretti, jaghti l-petrol il-karozza u biex jixtri dak li kellu bzonn. Minn dakinhar jiena kont mort ghand l-avukat u kont mort hadt parir minghand is-social workers ta' Sta. Venera, u din kienet qaltli biex inkellem lill-avukat tieghi biex il-kaz taghha jigi investigat;*

*Illi, fil-fatt jiena hadt dan il-parir u fis-17 ta' Jannar, 2002, is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kienet harget digriet fejn ordnat li ghandhom jigu nominati social workers sabiex jinvestigaw l-kaz u jaghmlu r-rakkomandazzjoniet dwar il-kura u kustodja access tal-minuni Whitney u Demaris;*

*Kienet giet nominata Jane Azzopardi li pprezentat rapport li qieghed nesebixxi bhala Dok. "R1", fejn irrakkomandat illi kien fl-ahjar interess tal-minuni li t-tfal jibqghu taht il-kura u kustodja tieghi u dan bi qbil ma' Louise. Dwar decizjonjiet importanti kien hemm ftehim li dawn jittiehdu mit-tnejn;*

*Illi, dwar l-access ghall-minuri ssuggerit li dan ghandu jkun taht supervizjoni ta' siegha kuljum u li Louise kellha timpenja ruhha sabiex isegwi programm ta' family therapy ma' Kana sabiex tkun aktar lesta li tlahhaq mat-tfal. Is-Sekond'Awla b'digriet taghha tas-6 ta' Gunju. 2002 biddlet id-digriet tas-17 ta' Jannar, 2002 u kkonfermat dak kienet irrakkomandat is-social worker;*

*Illi, Louise marrat tara lit-tfal ghal gimgha biss u waqqfet u ilha ma tara lit-tfal minn dakinhar. Minkejja li ma kinitx qed tmur l-Appogg jiena xorta kont ntella' t-tfal u kien imbaghad fuq il-parir tas-social worker certu Norbert Cilia, li jiena waqaft milli niehu t-tfal ghaliex kemm il-darba ma*

*kinitx qed titla'. Fil-fatt, qed nesebixxi r-rapport ta' Norbert Cilia mmarkat bhala Dok. "R2" fejn l-istess Cilia jissuggerixxi illi minhahba l-irregolarita' tal-access ta' Louise Bugeja ghall-minuri, l-access ma setax jitkompla u b'hekk ghamel din in-rakkomandazzjoni lil Qorti;*

*Illi, minn Gunju 2002 Louise lanqas biss ghamlet tentattiv sabiex tikkomunika mat-tfal;*

*Illi, jiena qatt ma gejt ordnat li nhallas manteniment lill-marti u meta ghamlet talba kien impossibbli li jiena nmantniha peress li jiena f'dak iz-zmien ma kontx nahdem. Kienet ghal bidu tghix mill-beneficcji socjali, izda mbaghad bdiet tahdem it-Topaz u sa' ftit jiem kien ghadha qed tahdem hemmhekk;*

*Illi, jiena prezentement ma nahdimx u nghix mill-beneficcji socjali ghaliex qieghed niehu hsieb it-tfal. Jiena nircievi Lm152 fix-xahar beneficcji, kif jirrizulta mid-**Dok. "JB 3"** li qed nesebixxi. Nircievi ukoll ic-children's allowance ta' Lm168 kull tlett xhur u dan skond kif jirrizulta mid-**Dok. "JB 4"** li qed nesebixxi. Jiena nhallas u nikkontribiwixxi ghall-ispejjez kollha tat-tfal u ghal kwalsiasi bzonnijiet li jkollhom;*

*Illi, bhala aktar spejjez nispjega illi nghaddi ukoll Lm20 fil-gimgha lill-ommi peress li jiena u t-tfal nghixu maghhom. Dawn naghtihomlha ghall-ikel, ilma u dawl. Ghandi xi Lm70 spejjez fix-xahar ghat-tfal bejn hwejjeg, medicini, nappies ghal Demaris u spejjez tal-iskola u bejn id-divertiment tat-tfal bhal Mcdonalds u c-cinema;*

*Illi, nghid ukoll illi jiena nuza l-karozza tal-genituri tieghi Mitsubishi u naghtiha d-diesel kull gimgha peress li nuzaha jiena regolarment. Jiena nonfoq xi Lm5 fil-gimgha fuq diesel;*

*Illi, b'hekk nigi li jibqali f'idejha xi Lm3O li nuzahom ghal bzonnijiet li jinqalghu;*

*Illi, bhala dejn li nghid li m'hemmx;*

*Illi, fiz-zwieg taghna ftit li xejn kellna affarijiet ghaliex kif diga' spjegajt il-mara ma kinitx tahdem u jiena kont naqta' il-paga minima. Fil-bidu taz-zwieg konna noqghodu ma' ommi, imma imbaghad krejna post il-Mosta u mbaghad rnexxielna niehdu post tal-Gvern b'kera ta' Lm32.50 kull tlett xhur u cioe' 4, Old Well Str, Valletta;*

*Illi presentement il-mara qed toqghod fil-post u dan minghajr ftehim. Il-mara ilha toqghod f'dan il-post ghal dawn l-ahhar sena u nofs. Il-kera mhux qed tithallas mill-mara. Nispjega li lura sa' mill-I ta' Ottubru, 2001 diga' hemm arretrati fl-ammont ta' Lm227.50 u dan wara li vverifikajt mal-Housing Authority;*

*"Illi nispjega ukoll illi l-mara qed idahhal id-diversi rgiel li tkun maghhom u dan sahanistra qed ighixu maghha. Nghid rgiel ghaliex prattikament naf li qed tbiddel ragel kull gimgha. Jiena nhoss li m'ghandhix nbati u nhallas ghall-ispejjez ta' nies ohra;*

*Illi, l-mara lanqas biss qed thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma. Il-bilanc illum huwa ta' Lm84.38 u dan sal-ahhar kont tat-l3 ta' Settembru, 2002 li qed jigi esebit bhala Dok. "WE1". Nghid li l-kont sa' Dicembru, 2002 ghadni ma rcevejtux. Nispjega ukoll illi l-ahhar kont li hallast jiena kien fl-I0 ta' April, 2001 meta jiena tlaqt mid-dar matrimonjali;*

*Illi, ghal post konna xtrajna s-segwenti:-*

*i) main bedroom — Lm450;*
*ii) fridge — Lm60;*
*iii) washing machine — Lm250, li minnhom harget Lm100 ommi;*
*iv) ghamilna kamra tal-banju — Lm1400, li dawn thallsu minn flus li kienet gemmghat Louise qabel iz-zwieg;*
*v) stereo u cd's— Lm550;*
*vi) TV Samsung.*

*Illi, id-deheb tieghi hadtu, l-mara hadet taghha u tat-tfal kienu baqqghu ghand Louise u kienet bieghethom u dan nafu ghaliex tlabthomlha u qaltli hi stess li kienet*

*qasmithom li certu Joanne, Rita Casha u ohra li toqghod il-Belt u dan bhala ringrazzjament talli kienu jehodulha hsieb it-tfal. Dan id-deheb tat-tfal kien jikkonsisti f'erba' fili, imsielet (4 pari kull wiehed), cappetta kull wiehed, salib kull wiehed u curkett;*

*Illi, ommi kienet ukoll xtrat hafna toys ghat-tfal, li ma nafx sar minnhom;*

*Illi, qed nelenka l-lista tal-oggetti u mobbli li kienet xtratli ommi:*

*(a) kcina li kienet tiswa' LmIOO dak iz-zmien, kompluta bl-accessorji u medja u erba' siggijiet,*
*(b) kamra tas-sodda tat-tfal Lm120,*
*(c) salott li kien jiswa' Lm60,*
*(d) s-senduq tal-kewkba - Lm150.*
*(e) side table tal-kewkba li kienet tiswa' Lm150 u l-accessorji ta' fuqha li jammontaw ghal Lm100:*
*(f) Kien hemm ukoll side table ohra zghira xi Lm35,*
*(g) fanal ta' Lm50:*
*(h) trolley bit-tazzi u cocktail bar li b'kollox li kienu jiswew Lm120;*
*(i) cooker li jiswa Lm200;*
*(j) dinner set;*
*(k) affarijiet li jiddendlu mal-hitan tal-kcina;*
*(l) inkwatri;*
*(m) mena;*
*(n) gandlieni tac-caqquf*
*(o) vazuni u mejda tas-salott;*
*(p) sopraponti u purtieri;*
*(q) mejda tat-TV;*
*(r) zewg arloggi li jiddendlu mal-hajt;*
*(s) dota bhal flokkijiet ta' taht, kalzetti u hwejjeg personali li jiena hallejt fid-dar matrimonjali u li qed jigu uzati mill-irgiel li tkun maghhom Louise;*

*Illi, Louise bieghhejt is-senduq, ic-CD's, is-stereo u t-trolley bit-tazzi. Bil-flus li qalghet jiena ma nafx x'ghamlet;*

*Illi, kienet xtrat TV Samsung ta' LmI50, li bieghet l-mara u ommi regghet xtrat iehor TV Panasonic li kien jiswa'*

*Lm90. Ommi kienet ukoll xtrat DVD. Meta Louise bieghejt is-Samsang TV qatt ma tatni l-flus lura;*

*Illi, ommi ukoll kienet xtratli karozza Escort Mark II b'numru ta' registrazzjoni EAN 143 li ghadha ghandi sa' llum. Pero' din qiedgha ghall-bejgh;*

*Illi, kellha Lm2000 minn qabel iz-zwieg Ii nfaqqnihom billi meta krejna post il-Mosta tajna Lm600 rigal Iis-sid talli kien halla xi ghamara. Lm1400 l-ohra intefqu fuq bathroom; bjankerija bhal lozor, xagamani, face cloths, srievet u hadida tal-moghdija; borom, toaster, kitla. cutlery, Magimix Kenwood, accessorji tal-kcina li jiddendlu mal-hajt. tazzez u xi dishes;*

*Illi, flus il-Bank ma kienx hemm;*

*Illi, id-debiti Ii hemm huwa dawk tal-kera fuq il-post u fuq iI-kontijiet tad-dawl u ilma kif semmejt qabel;*

*Illi, is-separazzjoni ghandha tinghata b'tort tat-mara Louise Bugeja;*

*Illi, il-kura u kustodja tal-minuri Whitney u Demaris tigi fdata esklussivament lili u l-mara jkollha access ghall-minuri minimu u taht supervizjoni;*

*Illi, bhala mainteniment ma nkunx obbligat Ii nghaddilha l-ebda alimenti a dan in vista tal-fatt Ii hija tahdem;*

*Illi, bhala Iikwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti qed nissugerixxi s-segwenti:-*

*a. jiena nigi assentjat bil-kirja tad-dar matrimonjali u I-mara tigi ordrnata Ii tizgombra mill-fond in kwistjoni;*
*b. jiena nkun responsabbli ghall-hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u ilma, kif ukoll il-kera mid-data tas-sentenza, filwaqt li Louise tkun responsabbli ghall-arretrati Ii hemm fuq l-istess kontijiet;*
*c. L-oggetti parafernali taghha, limitatament ghad-dota ghandha tehodhom, filwaqt Ii l-oggetti parafernali tieghi nehodhom lura jiena. Qed jinghad Ii*

*m'ghandhomx jinghataw Lm2000 li kellha Louise qabel iz-zwieg minhabba d-diversi bejgh la' oggetti li saru, partikolarment id-dehebijiet tat-tfal u dan apparti r-responsabbilita' tal-mara ghas-separazzjoni;*
*d. Nigi assenjat il-mobbli li huma tal-kommunjoni u li jinsabu fid-dar matnimonjali".*

Illi, gieipprezentat ukoll l-affidavit ta' **Carmen Bugeja,** li tigi omm l-attur. Dan l-affidavit gie prezentat b'nota datata 11 ta' Dicembru, 2002.

**II) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-konvenuta hija hatja verso l-attur ta' adulerju, u sevizzi, ingurji gravi u eccessi *di fronte* tal-istess attur u l-minuri, b'dan li din il-firda personali hija attribwibbli ghall-komportament tal-konvenuta, b'dan li b'kosnsgwenza tal-istess iz-zwieg tkisser irremedjabilment u ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha.

Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Whitney u Demaris ghandhom jigu fdati u jibqghu f'idejn l-attur b'dan li l-konvenuta ghandha jkollha dritt ta' access ghall-istess minuri taht supervizzjoni f'Agenzija Appogg ta' darbtejn fil-gimgha, u ta' siegha kull darba, u liema granet jigu ffisati mis-*social worker* Therese Micallef tal-Agenzija Appogg fid-diskrezzjoni taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex a spejjez tieghu jinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Therese Micallef.

Illi dan qed jinghad *invista* tad-diversi rapporti esebiti mill-istess *social workers* li jinsabu lkoll fl-istess process u dan qed jigi deciz fl-interess supremm tal-istess minuri.

Illi ghandhom jigi applikati fil-konfront tal-attrici id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

Illi l-Qorti tilqa' wkoll r-raba' talba tac-citazzjoni attrici u tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mit-3 ta' Settembru 2001 (fol.7).

Illi l-komunjoni tal-akkwisti tidher li tikkonsisti fil-kera tal-fond Block 15, Old Well Street, Valletta, main bedroom, fridge, washing machine, (*stante* li skond ix-xhieda tal-attur it-television Samsung, ic-CD's, u l-istereo inbieghu mill-konvenuta flimkien mad-deheb tat-tfal elenkat a fol. 26 tal-process), u l-Qorti tordna li l-istess kirja tal-flat imsemmi ghandha tghaddi ghand l-attur sabiex huwa jghix fiha flimkien ma' uliedu biss, fil-waqt li *arbitro boni viri* tassenja lill-attur il-main bedroom u lill-konvenuta il-*fridge* u l-*washing machine*.

Illi din il-Qorti tiddikjara li l-beni parafernali tal-attur jikkonsistu fil-kcina li tinsab fl-istess post, kamra tas-sodda tat-tfal, salott, *side table* tal-kewba u l-accessorji taghha, *side table* ohra zghira, fanal, *cocktail bar, cooker, dinner set*, affarijiet li jiddendlu mal-hajt tal-kcina, inkwatri, mera, gandlieri tac-caqquf, vazuni u mejda tas-salott, sopraporti u purtieri, medja tat-t.v. zewgt arloggi li jiddendlu ma-hajt, u hwejjeg personali tal-attur, u dawn ghandhom jigu ikkonsenjati mill-konvenuta lill-attur. Min-naha l-ohra l-karozza Escort Mark II Reg. No. EAN 143 qieghda ga' fil-pussess tal-attur.

Illi, l-beni parafernali tal-konvenuta huma bjankerija, konsistenti f'lozor, xugamani, *face cloths*, srievet u hadida tal-moghdija, borom, *toaster*, kitla, *cutlery*, Magimix Kenwood, accessorji tal-kcina tazzezz u *dishes* u dawn ga jinsabu fil-pussess tal-konvenuta u ghandhom jibqghu ghandha.

Ili wkoll *in vista* tal-premess l-attur huwa awtorizzat li jghix fil-fond imsemmi flimkien mat-tfal ad esklussjoni tal-konvenuta, u ghal dan l-iskop tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mill-lum sabiex l-istess konvenuta tizgombra b'effetti kollha taghha mill-istess fond.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tordna u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Bugeja, minhabba adulterju, sevizzi, minacci, ingurji gravi u eccessi li l-konvenuta kkomettiet kontrih u kontra uliedha u b’kawza tal-istess z-zwieg tkisser irrevokabilment.

2. Tordna li l-attur jigi fdat bil-kura u kustodja ta’ uliedhom minuri Whitney u Demaris, b’dan li l-konvenuta ghandha jkollha dritt ta’ access ghall-istess minuri taht supervizzjoni f’Agenzija Appogg ta’ darbtejn fil-gimgha, u ta’ siegha kull darba, u liema granet jigu ffisati mis-*social worker* Therese Micallef tal-Agenzija Appogg fid-diskrezzjoni taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex a spejjez tieghu jinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess Therese Micallef.

3. Tilqa’ t-talba b’dan li qed jigu applikati kontra l-imsemmija konvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili** *in toto.*

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara xolta il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett mit-3 ta’ Settembru 2001.

Illi tilliwida l-komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li tikkonsisti fil-kera tal-fond Block 15, Old Well Street, Valletta, *main bedroom, fridge, washing machine,* (*stante* li skond ix-xhieda tal-attur it-television Samsung, ic-CD’s, u l-istereo inbieghu mill-konvenuta flimkien mad-deheb tat-tfal elenkat a fol. 26 tal-process), u l-Qorti tordna anke’ b’appikazzjoni tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** li l-istess kirja tal-flat imsemmi ghandha tghaddi ghand l-attur sabiex huwa jghix fiha flimkien ma’ uliedu biss, filwaqt li *arbitro boni viri* tassenja lill-attur tassenja lill-attur il-*main bedroom* u lill-konvenuta il-*fridge* u l-*washing machine*.

Illi l-Qorti tordna li kopja legali ta’ din id-decizjoni ghandha tigi notifika mill-attur u a spejjez tieghu lill-Awtorajiet kompetenti u lis-sid il-kera sabiex isiru l-arrangamenti necessarji sabiex l-istess kirja iddur b’mod esklussiv fuq l-attur bl-esklussjoni tal-konvenuta.

Illi din il-Qorti tiddikjara li l-beni parafernali tal-attur jikkonsistu fil-kcina li tinsab fl-istess post, kamra tas-sodda tat-tfal, salott, *side table* tal-kewba u l-accessorji taghha, *side table* ohra zghira, fanal, *cocktail bar, cooker, dinner set*, affarijiet li jiddendlu mal-hajt tal-kcina, inkwatri, mera, gandlieri tac-caqquf, vazuni u mejda tas-salott, sopraporti u purtieri, medja tat-t.v. zewgt arloggi li jiddendlu ma' l-hajt, u hwejjeg personali tal-attur, u dawn ghandhom jigu kkonsenjati mill-konvenuta lill-attur. Min-naha l-ohra l-karozza Escort Mark II Reg. No. EAN 143 qieghda ga' fil-pussess tal-attur.

Illi l-beni parafernali tal-konvenuta huma bjankerija, konsistenti f'lozor, xugamani, *face cloths*, srievet u hadida tal-moghdija, borom, *toaster*, kitla, *cutlery*, Magimix Kenwood, accessorji tal-kcina tazzez u *dishes* u dawn gja jinsabu fil-pussess tal-konvenuta u ghandhom jibqghu ghandha.

5. Tilqa' l-hames talba u tawtorizza lill-attur sabiex flimkien ma' uliedu jkompli jabita fid-dar matrimonjali Block 15, Old Well Street, Valletta ad eskluzjoni tal-konvenuta, b'dan li l-konvenuta ghandha tizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------